MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-16 ta' April, 2012

Rikors Kongunt Numru. 23/2012

**A B**

**u**

**R B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ir-rikors kongunt;

Rat id-dokumenti li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-3 ta’ Frar, 2012;

Rat illi l-partijiet izzewgu fid-19 ta’ Novembru, 1983;

Rat in-nota konguntiva tal-partijiet illi permezz taghha esebew l-affidavits bix-xiehda taghhom;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi l-partijiet irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi dikjarat mahlul u dana peress illi gie ippruvat illi l-partijiet ilhom ghaxar (10) snin legalment separati permezz ta’ kuntratt datat 17 ta’ Lulju 2001;

Illi gie ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi l-partijiet iddekadew mid-dritt ta’ manteniment reciproku u illi l-manteniment dovut ghall-ulied il-partijiet qieghed jinghata regolarment;

Illi l-Qorti rat ukoll it-talba tar-rikorrenti R B sabiex tirriverti ghal kunjom xbubita u cioe’ Camilleri;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tawtorizza lir-rikorrenti Rita B sabiex tirriverti ghal kunjom xbubita u cioe’ Camilleri, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------